# Cagliares, Perellos u ż-Żejtun



*Kitba tal-Perit Ruben Abela*

Dwar il-qedem ta' raħal twelidna, bosta Żwieten jitkellmu, iżda ftit japprezzaw dan bħala valur. Ftit jafu dwar kemm tabilħaqq dan ir-raħal iħaddan ġojjelli ta' valur storiku u arkitettoniku.

F'dawn il-ftit linji xtaqt nagħtikom ftit informazzjoni dwar żewġ vilel li għandna fiż-Żejtun. Żewġ vilel li jmorru lura fis-snin mhux ħażin. Żewġ vilel li nbnew minn żewġ personaġġi li ma kinux miż-Żejtun iżda kienu nies importanti ħafna fi żmienhom. Wieħed ġej mill-qasam reliġjuż u l-ieħor minn dak politiku. Żewġ mexxejja kbar. L-Isqof ta' Malta bejn l-1615 u l-1633 filwaqt li l-ieħor Gran Mastru ta' l-Ordni bejn l-1697 u l-1720.

L-Isqof Baldassere Cagliares kien bniedem iħobb l-arti, u għex fi żmien meta bejn il-Knisja u l-istat kienet teżisti pika dwar min minnhom għandu l-aktar teżori artistiċi. L-Isqof Cagliares kien l-uniku Isqof Malta li kien mexxa d-djoċesi Maltija fi żmien il-ħakma ta' l-ordni bejn l-1530 u l-1798. Fil-fatt il-familja tiegħu kienet Għawdxija. Kien fi żmien meta ngħata bidu għall-bini tal-palazz ta' l-Isqof fil-Belt Valletta fl-1622. Dan wara li sentejn qabel kien bena palazz ieħor għalih fiċ-ċittadella, Għawdex biswit il-knisja żgħira ddedikata lil San Ġużepp. Fiż-Żejtun kellna x-xorti li Cagliares bena t-tielet palazz, jew villa, bħala residenza ta' mistrieħ. B'xorti tajba din il-villa baqgħet wieqfa sa llum. Ħafna nies jafuha bħala "It-Tempju", oħrajn bħala Villa Cagliares. Din il-villa tinsab fl-ibaxx parti taż-Żejtun, fil-bidu ta' Triq il-Wied, hekk kif tintemm Triq Taltas, jew kif inhi magħrufa l-hara *f'Hajt il-Wied*, fir-Raħal t'isfel. Għalkemm dawn l-inħawi kienu l-aktar parti baxxa taż-Żejtun, u għalhekk kien jinġabar ħafna ilma fihom, mingħajr dubju dawn l-inħawi kienu l-isbaħ parti mill-kampanja li ddawwar lir-raħal. Fil-fatt Wied Mazza, il-wied li jgħaddi minn wara l-villa, għadu sa llum lħaddar b'masġar. Kważi bosk żgħir b'siġar tal-ħarrub.

Mhux magħruf eżatt meta nbniet il-villa, iżda żgur li din inbniet fil-bidu tas-Seklu XVII, meta Cagliares kien diġa' Isqof. Il-bini minn barra huwa kemm xejn sempliċi mill-att arkitettoniku. Nieqes mit-tiżjin li s-soltu mdorrijin naraw f'palazzi u vilel simili. Li kieku mhux għall-koppla tal-kappella li hemm fl-istess villa u l-appramorta bil-ballavostri li ddawwar l-istess koppla, diffiċli biex minn barra wieħed jintebaħ mal-ewwel li dak li hemm quddiemu huwa tabilħaqq bini ta' valur storiku. Jekk tifli l-faċċata aktar bir-reqqa wieħed jintebah li f'nofs il-faċċata, iżda fil-għoli sewwa hemm skudett, jew arma minquxa fil-ġebel, li tkompliet titnaqqax bil-mogħdija taż-żmien u bin-nuqqas ta' attenzjoni, tant li kull ma fadal mill-iemblema huma tliet stilel. Li kieku mhux għaliex il-kittieb E.B. Vella ta spjegazzjoni ta' dan il-bini, u semma li din l-arma kienet ta'l-Isqof Cagliares fil-kitba tiegħu ta' l-1927 *L-Istorja fiż-Żejtun u Marsaxlokk,* kien ikun diffiċli li wieħed jagħraf l-arma llum. It-twieqi kbar fil-faċċata qegħdin fil-għoli sewwa u tista' tgħid li fis-sular t' isfel ma kien hemm ebda aperturi ħlief il-bieb ta' barra, ħaġa ċara li r-raġuni kienet dik ta' sigurta'. Il-villa kellha twieqi oħrajn ta' l-istess daqs fuq in-naħa ta' wara iżda li maż-żmien ingħalqu.

L-aċċess prinċipali tal-bini huwa minn ġo bitħa li tinsab mal-ġenb tal-villa. Dwar x'fiħ il-bini minn ġewwa, minħabba li qatt ma dħalt f'dan il-bini patrimonju tagħna ż-Żwieten, ikolli nibbaża l-kitba tiegħi biss fuq dak li kiteb l-istess E.B. Vella: "il-palazz hu mqassam f'ħafna kmamar, kappella b'ħafna

skultura sabiħa (il-lum isservi għat-tiben!) u b'ċelel bħal ta' ħabs." Minn kif smajt din il-kappella kienet imżejna bi skultura mill-isbaħ minquxa fil-ġebel.

Villa oħra li nbniet ftit anqas minn mitt sena wara li nbniet Villa Cagliares, hija dik li bosta jafu bħala *Casa Perellos* fi Triq Santa Katarina, fiċ-ċentru taż-Żejtun. Din hija waħda mill-isbaħ toroq fiż-Żejtun. Triq li bix-xieraq ingħatat l-istess isem tal-patruna tagħna. Din it-triq flimkien ma' Triq San Girgor hija mżejna bl-isbaħ palazzi u djar kbar li nsibu fin-naħa tax-xlokk ta' Malta. Triq li bdiet tiġi żviluppata fiż-żmien meta bdiet tinbena l-parroċċa l-ġdida, jiġifieri wara l-1692. Ir-raġuni li nsibu numru ta' palazzi u djar kbar matul din it-triq hija li din barra li kienet meqjusa bħala t-triq u d-daħla ewlenija taż-Żejtun, kienet ukoll it-triq li minnha tgħaddi l-proċessjoni ta' San Girgor. Triq li fiha kull nobbli Malti kellu x-xewqa li jkollu propjeta' biex jibni l-villa, jew dar ta' velleġġatura tiegħu sa biex minnha jgawdi l-qofol tat-tmiem tal-proċessjoni ta' San Girgor.

Din id-dar li nbniet fl-aħħar tas-Seklu XVII, kif jixhed isimha nbniet mill- Gran Mastru Perellos. Mhux l-isem biss huwa xhieda ta' dan. Fil-fatt jeżistu diversi simboli marbutin ma' Perellos minquxin f'diversi partijiet tal-faċċata ta' din il-villa. Il-faċċata hija waħda simetrika bi proporzjonijiet mill-isbaħ, mibnija bi stil Barokk. Il-gallarija, b'ballavostri tal-ġebel, qed tistrieħ fuq erba' saljaturi kbar bl-iskultura. Din l-iskultura tinkludi partijiet mill-arma ta' Perellos, l-aktar li jispikkaw huma s-salib bi tmien ponot u l-lanġasa. Il-lanġasa tidher imqabbża wkoll fuq iż-żewġ pilastri fit-truf tal-faċċata. Fuq il-bieb tal-gallarija hemm niċċa bi statwa tal-Madonna bil-Bambin f'idejha. L-intrata tal-villa hija wiesgħa ħafna u msaqqfa bi troll mill-isbaħ u fit-tarf bieb li jwassal għal ġo bitħa kbira. Il-parti ta' wara tal-villa hija maqsuma f'żewġ sezzjonijiet b'permezz ta' kolonnad, parti hija bitħa bil-madum u l-oħra hija ġnien żgħir. F'nofs il-ħajt tat-tarf tal-ġnien hemm għajn ta' l-ilma u fuqu wkoll hemm l-arma sħiħa tal-Gran Mastru Perellos. Tajjeb li wieħed jgħid ukoll li wħud mill-aperturi interni, fosthom bibien fis-sular ta' fuq għadhom dawk oriġinali. Ma nistgħux ngħidu l-istess għal uħud mis-soqfa, għaliex minħabba li din id-dar ilha mitluqa għal għexieren ta' snin, hemm kmamar b'soqfa sfrundati.



Kif stajtu taqraw dawn iż-żewġ vilel huma tabilħaqq ġojjelli fil-kullana li huwa mżejjen biha ż-Żejtun. Iżda naħseb ukoll, li meta għaddejtu minn quddiem dawn il-vilel indunajtu f'liema stat jinstabu. Stat li la jixraq lilhom, u wisq anqas lilna, poplu li niftaħru x'avvanzi għamlet is-soċjeta' moderna. Avvanz li ħalla Villa Cagliares fi stat bħal, jekk mhux agħar minn dak li ddeskriviha E.B. Vella fl-1927. Ma nafx jekk it-tiben li ra Vella fil-kappella ta' dan il-palazz għadux hemm!. L-istess ngħidu għall-istat miskin li tinsab fih Casa Perellos, li wkoll ilha battala għal għexieren ta' snin, fejn il-ġebel tal-faċċata qiegħed jittiekel bis-sekondi bl-ammont ta' karozzi li qed inħallu fiċ-ċentru tar-raħal tagħna. Wieħed qalli, "Jitmermer il-ġebel, aħseb u ara l-pulmun tiegħi u tiegħek!".